**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Kylie Borg)**

**vs**

**Alfred Camilleri**

**Kaz Nru: 101/2018**

**Illum 19 ta' Ottubru 2018**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Alfred Camilleri ta' 20 sena, u detentur tal-karta tal-identita' numru 352997M:

Akkuzat talli nhar id-29 ta' Dicembru 2017,

Kellu fil-pussess tieghu l-pjanta cannabis kollha jew bicca minnha bi ksur tal-artiklu 8(d) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Barra minn dan, l-imputat Alfred Camilleri huwa akkuzat talli rrenda ruhu recediv b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati Malta, liema sentenza hija definittiva u ma tistax tigi mibdula ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-ordni moghtija mill-Avukat Generali ai termini tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta tas-16 ta' Marzu 2018 sabiex dana il-kaz jigi trattat u deciz quddiem dina l-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali.

Rat li l-imputat ammetta l-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u li huwa kkonferma l-istess ammissjoni wara li nghata zmien jirrikunsidra l-posizzjoni tieghu.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat

L-imputazzjonijiet huma sodisfacjentement ippruvati invista tal-ammissjoni.

Inkwantu ghall-piena din il-Qorti qeghda tiehu in kunsiderazzjoni n-natura tar-reat, l-ammissjoni bikrija u c-cirkostanzi tal-kaz.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikolu 8(d) u 22(2)(b)(i)(ii) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolament 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02, issib lill-imputat hati ta' l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, izda fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet maghmula u b'applikazzjoni ta' l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tillibera lill-imputat bil-kundizzjoni li ma jikkomettiex reat iehor fi zmien sentejn millum.

Il-Qorti twissi lil hati bil-konsewgenzi skont il-ligi jekk huwa jikommetti reat iehor matul il-perijodu ta' liberta' kundizzjonata.

Il-Qorti tordna d-distruzzjoni tad-droga u l-oggetti l-ohra ezebiti, Dokument KB1, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat, u dan taht

il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi process-verbal li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

**Dr Josette Demicoli LL.D**

**Magistrat**